KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 21.6.2007
KUMM(2007) 349 finali

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT EWROPEW

Rapport Annwali 2007 dwar il-Politika ta' l-Iżvilupp tal-Komunità Ewropea u l-Implimentazzjoni ta' l-Għajnuna Esterna fl-2006

{SEK(2007) 840}

MT MT

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT EWROPEW

Rapport Annwali 2007 dwar il-Politika ta' l-Iżvilupp tal-Komunità Ewropea u l-Implimentazzjoni ta' l-Għajnuna Esterna fl-2006

WERREJ

1. Introduzzjoni ... 3
2. Qafas aħjar għall-politika dwar l-iżvilupp: Koerenza Politika ... 3
3. Qafas aħjar għall-politika dwar l-iżvilupp ... 4
4. Qafas aħjar għall-assistenza esterna – simplifikazzjoni u kjarifika tar-regolamenti.... 5
5. Qafas aħjar għal ħidma flimkien: effettività ta' l-għajnuna... 8
6. Riżultati ... 9

1. INTRODUZZJONI

L-Unjoni Ewropea tibqa' s-sors ewlieni ta' għajnuna għall-iżvilupp fid-dinja billi tipprovdi € 46.9 biljun (56.67%) ta' assistenza uffiċċjali totali għall-iżvilupp (ODA) rapportata lill-OECD għall-2006. L-għajnuna esterna mmexxija mill-Kummissjoni Ewropea ammontat għal madwar € 2.1 biljun ta' impenji ġodda fl-2006, li minnhom € 9.8 biljun huma klassifikati bħala ODA. 'Il fuq minn 160 pajjiż jibbenefikaw minn din l-għajnuna.

Fl-2006 saru tibdiliet kbar fil-mod kif l-UE tmexxi r-relazzjonijiet tagħha mal-bqija tad-dinja. L-ewwelnett, billi kien żgurat li politiki li jeffettwaw lill-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw jistgħu jappoġġjaw l-għanijiet ta' żvilupp; it-tieni, billi adottat strateġiji li jirriflettu l-prijoritajiet ewlenin tagħha; it-tielet, billi ssimplifikat il-medda ta' strumenti li jipprovdu l-bażi legali għal għajnuna esterna; ir-raba', billi implimentat miżuri sabiex taħdem eqreb ma' pajjiżi sħab u partijiet oħra fl-iżvilupp sabiex l-għajnuna ssir aktar effettiva; u fl-aħħarnett, billi tejbet il-mod kif jitkejlu r-riżultati u jittieħdu lezzjonijiet.

L-għan ta' dan ir-rapport hu li jippreżenta l-karatteristiċi ewlenin ta' kull waħda minn dawn it-tibdiliet.

2. QAFAS AĦJAR GĦALL-POLITIKA DWAR L-IŻVILUPP: KOERENZA POLITIKA

Sa mill-adozzjoni f'Diċembru 2005 tal-Kunsens Ewropew dwar l-Iżvilupp, il-Kummissjoni iffukat dejjem aktar fuq il-kontribut li l-politiki lil hinn mill-iżvilupp – bħall-kummerċ, il-biedja, l-ambjent, is-sigurtà, il-migrazzjoni, id-dimensjoni soċjali tal-globalizzazzjoni, l-impjiegi u x-xogħol diċenti, u l-ko-operazzjoni xjentifika internazzjonali, inkluża r-riċerka fis-saħħa – jistgħu jagħtu lejn il-kisba ta' l-Għanijiet Millenarji għall-Iżvilupp (MDGs).

Ħafna jaqblu li l-politika ta' żvilupp waħidha ma ġġibx biżżejjed riżultati u li għadd ta' politiki oħra jistgħu jkollhom impatt ewlieni. L-għan ta' l-UE hu li timmassimizza l-effett pożittiv tal-politiki tagħha filwaqt li timminimizza l-effett negattiv tagħhom fuq il-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw.

Bl-ispinta tal-Presidenza Ewropea, ġie elaborat programm ta' ħidma għall-2006-2007 dwar il-Koerenza Politika għall-Iżvilupp (PCD) sabiex jidentifika prijoritajiet komuni għal azzjoni. F'Ottubru 2006, il-Kunsill adotta konklużjonijiet li jkopru kemm il-programm ta' ħidma ta' PCD tal-Presidenza u l-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' żvilupp fil-proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet tal-Kunsill. **Il-Kummissjoni għamlet progress f'għadd ta' oqsma, inkluż il-kummerċ, u b'mod partikolari fin-negozjar ta' Ftehimiet ta' Partenarjat Ekonomiku ma'** pajjiżi ta' l-AKP bl-għan li jrawmu integrazzjoni kummerċjali u reġjonali bħala mezz għall-iżvilupp fit-tul. **Il-ġlieda kontra l-mard li jittieħed marbut mal-faqar hi eżempju tajjeb ieħor, per eżempju permezz tal-Partenarjat Ewropew u tal-Pajjiżi li qegħdin Jiżviluppaw dwar Testijiet Kliniċi (EDCTP).**

Sar ukoll progress konsiderevoli fil-qasam tal-migrazzjoni, fil-qafas ta' l-Istrateġija ta' l-UE għall-Afrika[1] bit-tnedija ta' Programm Tematiku għall-Migrazzjoni li jiswa € 380 miljun għall-2007-2013 u, fil-qasam tas-sigurtà, b'appoġġ għar-riforma fis-settur tas-sigurtà f'pajjiżi

[1] l-Istrateġija ta' l-UE għall-Afrika: Lejn patt Ewro-Afrikan biex jħaffef l-iżvilupp ta' l-Afrika. KUMM(2005) 489 finali

msieħba. Il-migrazzjoni hi suġġett li fih il-koerenza hija partikolarment importanti. Fil-qafas tal-ftehimiet usa' tagħha ta' kooperazzjoni, l-UE żviluppat djalogu dwar kwistjonijiet marbuta ma' migrazzjoni ma' għadd ta' pajjiżi u reġjuni fid-dinja. Il-Politika Ewropea għall-Viċinat hija eżempju, u proċessi oħra ta' djalogu jinsabu għaddejjin ma' msieħba fl-Afrika, fl-Asja, fl-Amerika Latina u fil-Karibew[2].

Djalogu bħal dan tipikament ikopri medda wiesgħa ta' kwistjonijiet, inklużi per eżempju r-rabtiet bejn il-migrazzjoni u l-iżvilupp, il-ġlieda kontra l-migrazzjoni illegali u t-traffikar ta' persuni umani, l-impatt ta' sitwazzjonijiet ta' refuġjati fuq l-iżvilupp, u sforzi konġunti sabiex il-migrazzjoni ekonomika titmexxa aħjar. Jista' jwassal għall-forniment ta' għajnuna mill-UE sabiex tgħin pajjiżi msieħba jibnu l-kapaċità tagħhom biex imexxu kurrenti ta' migrazzjoni u jimmassimizzaw ir-rabtiet pożittivi bejn il-migrazzjoni u l-iżvilupp.

Fil-kuntest tal-koerenza huma wkoll indirizzati sistematikament kwistjonijiet ta' drittijiet umani u tmexxija tajba. Fl-2006 per eżempju, ġew mobilizzati 13-il Missjoni ta' Osservazzjoni Elettorali ta' l-UE u ntbagħtu madwar 1 400 osservatur ta' l-UE. Dawn il-missjonijiet ikkontribwew, bil-preżenza tagħhom, sabiex titnaqqas il-possibbiltà ta' frodi, manipulazzjoni u intimidazzjoni. Żiedu t-trasparenza u l-kunfidenza pubblika fil-proċess elettorali, u b'hekk appoġġjaw il-progress fid-demokrazija u t-tmexxija. F'ċerti każi, il-missjonijiet kellhom rwol fil-prevenzjoni tal-kunflitt, bħal fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK), fejn l-aktar Missjoni importanti ta' l-EU li qatt intbagħtet (300 osservatur) issorveljat iż-żewġ sensiliet elettorali f'Lulju u f'Novembru. Dawn l-elezzjonijiet wittew it-triq għal ritorn lejn il-paċi ċivili, it-twaqqif mill-ġdid ta' tmexxija, żvilupp sostenibbli fir-RDK u l-istabilizzazzjoni tar-reġjun sħiħ tal-Great Lakes.

Dwar tmexxija, il-Kummissjoni pproponiet approċċ ġdid lejn "Tmexxija fil-Kunsens Ewropew dwar l-Iżvilupp"[3]. Dan jibni fuq evalwazzjoni ewlenija li tkopri l-perjodu 1994-2004. Dan sab li l-UE għamlet l-għażla t-tajba meta poġġiet it-tmexxija fuqnett fl-aġenda politika u ta' kooperazzjoni tagħha, u l-Kummissjoni għamlet progress sostanzjali fid-definizzjoni ta' liema huma, probabbilment, l-aktar approċċi effettivi lejn titjib sostenibbli. Il-Kummissjoni tisħaq ukoll dwar l-importanza li tkun promossa tmexxija tajba f'oqsma bħat-taxxa, il-finanzi u l-ġudikatura, u l-kooperazzjoni xjentifika.

Finalment, il-koerenza hi ta' importanza kruċjali għall-implimentazzjoni tal-politiki ta' assistenza esterna ta' l-UE. Meta tinnegozja ma' pajjiżi sħab, il-Kummissjoni tadotta tliet identitajiet ewlenin – attur politiku, aġenzija ta' żvilupp u amministrazzjoni donatriċi - u kontinwament tfittex modi kif tgħaqqad dawn it-tlieta b'mod effettiv.

3. QAFAS AĦJAR GĦALL-POLITIKA DWAR L-IŻVILUPP

Ukoll skond il-Kunsens, il-Kummissjoni iffukat fuq li tiżgura li l-għanijiet u l-prinċipji tagħha jkunu riflessi fl-istrateġiji għal intervent fil-livell reġjonali.

B'mod partikolari, l-Istrateġija ta' l-UE għall-Afrika hi l-ewwel applikazzjoni tal-Kunsens u l-ewwel qafas politiku Ewropew integrat sabiex itejjeb il-koordinazzjoni u l-koerenza tal-politiki u l-istrumenti ta' l-UE u l-Istati Membri. L-importanza mogħtija lill-Afrika dehret bl-implimentazzjoni ta' din l-istrateġija u bl-impenn ta' l-UE sabiex taħdem fuq Strateġija

2 Hu għaddej ukoll djalogu b'mod parallel mal-grupp AKP (l-Afrika, il-Karibew u l-Paċifiku) bħala tali.
3 COM(2006) 421 tas-30.8.2006.

Konġunta UE-Afrika li għandha tkun adottata fit-tieni Samit ta' l-UE-Afrika fit-tieni nofs ta' l-2007 f'Lisbona. Eżempju ieħor kien is-sessjoni ta' ħidma konġunta bejn il-**Kummissjoni Ewropea u l-Kummissjoni ta' l-Unjoni Afrikana, li involviet tim ta' Kummissarji Ewropew immexxija mill-President Jose Manuel Barroso li ltaqa' mal-Kummissjoni ta' l-Unjoni Afrikana fil-kwartieri ġenerali tagħha f'Addis Ababa.**

L-istrateġiji għar-relazzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea ma' reġjuni oħra siltu wkoll mill-Kunsens sabiex tkun promossa viżjoni konsistenti tad-dinja, filwaqt li tingħaraf il-ħtieġa għad-differenzjazzjoni. Is-sena 2006 kienet waħda effettiva fil-bini ta' partenarjat strateġiku bejn l-UE u l-Amerika Latina, b'żewġ prijoritajiet ewlenin għall-kooperazzjoni: li tiżdied il-koeżjoni soċjali u li tiġi promossa l-integrazzjoni reġjonali.

L-UE qed tibni wkoll qafas strateġiku għar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Asja bbażat fuq djalogu politiku aktar b'saħħtu, kummerċ imtejjeb u livell sostnut ta' kooperazzjoni fl-iżvilupp. Ir-relazzjonijiet ta' l-Unjoni maż-żewġ pajjiżi ewlenin fir-reġjun, iċ-Ċina u l-Indja, qed jiġu żviluppati fil-qafas ta' partenarjati strateġiċi. Il-firxa ta' dawn il-partenarjati hi komprensiva, u tkopri kemm il-kooperazzjoni ekonomika kif ukoll l-aspetti politiċi.

Il-Politika Ewropea għall-Viċinat (ENP) qabdet ir-ritmu wkoll. L-ENP hi fost il-prijoritajiet ewlenin tar-relazzjonijiet esterni ta' l-UE. Permezz ta' din il-politika, l-UE tfittex li tippromwovi tmexxija tajba u żvilupp ekonomiku fil-viċinat tagħha. Fl-ewwel tmintax-il xahar ta' l-implimentazzjoni tagħha, il-politika qiegħdet bażi sostanzjali għal relazzjonijiet imsaħħa bejn l-Unjoni u l-ġirien tagħha. ***FL-4 ta' Diċembru 2006, il-Kummissjoni stabbiliet proposti ġodda sabiex issaħħaħ u tiżviluppa aktar l-ENP.*** Dawn jantiċipaw offerta lil pajjiżi sħab għal prospetti mtejba ta' kummerċ u investiment, l-iffaċilitar ta' kuntatti bejn persuni u vvjaġġar leġittimu għal perjodi qosra, aktar attività fl-indirizzar ta' kunflitti staġnati, u l-ftuħ ta' aktar possibbiltajiet għall-mobilizzazzjoni ta' finanzjament.

Permezz tal-politika tagħha ta' tkabbir u l-Proċess ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, l-UE tassisti pajjiżi b'perspettiva ta' sħubija sabiex gradwalment jintegraw fl-Unjoni. Fl-2006, din il-politika kopriet il-Bulgarija, ir-Rumanija, il-pajjiżi Balkani tal-Punent u t-Turkija. Il-Bulgarija u r-Rumanija ingħaqdu fl-Unjoni fl-1 ta' Jannar 2007. Qegħdin isiru negozjati ta' adeżjoni mal-Kroazja u t-Turkija, filwaqt li l-pajjiżi l-oħra tal-Balkani tal-Lvant ilkoll għamlu progress fir-"road map" stabbilita fil-proċess ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni. Fl-2006, il-Kummissjoni stabbiliet miżuri stretti sabiex issaħħaħ il-politika ta' l-UE għall-Balkani tal-Punent u l-istrumenti tagħha, b'mod partikolari sabiex tagħmel il-perspettiva ta' l-UE aktar tanġibbli għaċ-ċittadini ta' dak ir-reġjun.

4. QAFAS AĦJAR GĦALL-ASSISTENZA ESTERNA – SIMPLIFIKAZZJONI U KJARIFIKA TAR-REGOLAMENTI

Il-politiki ta' assistenza esterna ġew integrati fl-abbozz ta' strumenti ġodda li jagħmlu parti minn titjib sħiħ ta' l-istruttura ta' kooperazzjoni esterna ta' l-UE. Fl-2006 dawn l-istrumenti ġodda, li jistabbilixxu qafas simplifikat għat-twettiq ta' assistenza matul il-perjodu 2007-2013, ġew finalizzati. Dawn jipprovdu bażi konsistenti għal azzjoni, u jġibu flimkien għanijiet ċari ta' politika mal-proċeduri u l-istrumenti meħtieġa sabiex jinkisbu. Disa' strumenti finanzjarji jissostitwixxu l-medda eżistenti ta' regolamenti ġeografiċi u tematiċi.

Sitt strumenti jappoġġjaw politiki speċifiċi b'fokus ġeografiku jew tematiku:

L-Istrument ta' Assistenza ta' qabel l-Adeżjoni (IPA);

- l-Istrument Ewropew għall-Viċinat u s-Sħubija (ENPI);

- l-Istrument għall-Kooperazzjoni fl-Iżvilupp (DCI);

- l-Istrument għall-Kooperazzjoni ma' Pajjiżi Industrijalizzati (ICI);

L-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u d-Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR);

- l-Istrument għall-Kooperazzjoni dwar is-Sikurezza Nukleari (INSC);

Tliet strumenti se jindirizzaw sitwazzjonijiet ta' kriżi:

- l-Istrument għall-Istabbiltà (IfS);

- l-għajnuna umanitarja eżistenti, li tinkorpora għajnuna t'emerġenza f'ikel taħt il-perspettivi finanzjarji l-ġodda;

- l-istrumenti ta' assistenza makrofinanzjarja.

Il-kooperazzjoni ser tkun implimentata permezz ta' karti ta' strateġija skond il-pajjiżi, ir-reġjuni u tematiċi u programmi indikattivi multiannwali, kif ukoll programmi annwali ta' azzjoni, li huma soġġetti għall-proċedura demokratika ġdida ta' skrutinju stabbilita taħt il-Ftehim Inter-Istituzzjonali. Din il-proċedura tbassar li l-Kummissjoni ser sistematikament tinforma u tikkonsulta l-Parlament Ewropew u l-Kunsill billi tibgħat abbozzi ta' karti ta' strateġija. Il-Kummissjoni impenjat ruħha li tidħol fi djalogu regolari mal-Parlament Ewropew dwar dawn il-karti ta' strateġija u li tqis debitament il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew meta timplimenta l-istrateġiji.

Il-fondi disponibbli taħt l-Istrument għall-Kooperazzjoni fl-Iżvilupp (DCI) jammontaw għal € 10.1 biljun għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw mill-Amerika Latina, l-Asja u l-Lvant Nofsani, u għall-Afrika t'isfel. Minbarra l-kooperazzjoni ġeografika, id-DCI fih ukoll programmi tematiċi li jissostitwixxu r-regolamenti tematiċi eżistenti.

F'Jannar 2006, il-Kummissjoni adottat Komunikat imsejjaħ *"Ninvestu fin-Nies"*[4] dwar il-programm tematiku għall-iżvilupp uman u soċjali. Id-DCI ser jipprovdi ftit 'il fuq minn biljun euro għal dan il-programm, sabiex jappoġġja azzjonijiet f'oqsma li jeffettwaw l-istandards ta' għixien u l-benessri tan-nies b'mod dirett, b'fokus fuq l-ifqar u l-inqas pajjiżi żviluppati u l-aktar sezzjonijiet żvantaġġjati tal-popolazzjoni. Fuq din il-bażi, tħejjiet strateġija sabiex tappoġġja l-attivitajiet taħt erba' pilastri ewlenin – Saħħa Tajba għal Kulħadd, Edukazzjoni, Għarfien u Snajja', Ugwaljanza bejn is-Sessi u Aspetti Oħra ta' l-Iżvilupp Soċjali u Uman (inkluża l-koeżjoni soċjali, l-impjiegi, ix-xogħol diċenti, it-tfal u ż-żgħażagħ, u l-kultura). Dan hu eżempju tajjeb ta' l-approċċ intregrat li tfittex li tippromwovi l-Kummissjoni.

Il-ħarsien ta' tfal u żgħażagħ, u l-promozzjoni tal-parteċipazzjoni ta' tfal u żgħażagħ fl-iżvilupp huma oqsma ta' prijorità li għandhom jiġu indirizzati fil-programm tematiku tad-DCI *"Ninvestu fin-Nies",* kif ukoll fl-istrument il-ġdid għad-demokrazija u d-drittijiet umani. Sakemm iddaħħlu l-istrumenti simplifikati ġodda, il-Kummissjoni użat madwar 75 strument

4 COM(2006)18 finali tal-25.1.2006

differenti marbuta ma' politiki u programmi ta' tfal, kemm fi u barra mill-fruntieri ta' l-UE. Sabiex ittejjeb il-koerenza, timmassimizza l-sinerġiji, tesplora n-nuqqasijiet u żżid l-impatt kollettiv ta' l-istrumenti fit-titjib tad-drittijiet tat-tfal, il-Kummissjoni adottat il-Komunikat *"Lejn strateġija għad-drittijiet tat-tfal"* fl-4 ta' Lulju 2006.

Dan il-Komunikat jiddefinixxi proċess fit-tul u profond li jżid l-impatt ta' l-azzjonijiet ta' l-UE favur it-tfal. Jipproponi wkoll mekkaniżmi ġodda sabiex jiżgura koordinazzjoni u konsultazzjoni interna (bħal Forum Ewropew għad-Drittijiet tat-Tfal) u jinkludi preskrizzjonijiet għall-parteċipazzjoni effettiva tat-tfal infushom. Wieħed mill-impenji tal-Komunikat hu li jkun żviluppat Pjan ta' Azzjoni dwar it-Tfal fil-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp.

Għall-2007-13, il-baġit antiċipat għall-pajjiżi tal-Viċinat, fil-qafas ta' l-Istrument Ewropew dwar il-Viċinat u s-Sħubija, hu ta' madwar 12-il biljun euro, 32% aktar f'termini reali mill-perjodu ta' baġit preċedenti. Sabiex timmassimizza l-impatt u l-influwenza ta' dan il-finanzjament ta' l-UE, il-Kummissjoni pproponiet, fl-ENPI, il-ħolqien ta' żewġ mekkaniżmi ġodda, jiġifieri:

- Fond ta' Investiment għall-Viċinat, li għalih l-Istati Membri ser jiġu wkoll mistiedna jikkontribwixxu u li ser jintuża sabiex isaħħaħ self addizzjonali mill-Bank Ewropew għall-Investiment, il-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp u banek oħra ta' żvilupp. Il-kontribut mill-baġit ikun ta' 700 miljun euro. Hu stmat li dan il-fond jista' jinkoraġġixxi self ta' ħafna drabi aktar mill-ammont ta' għoti ta' finanzjament. Jekk l-Istati Membri jagħtu kontribuzzjoni ekwivalenti għal din tal-Kummissjoni, il-Fond jista' jiġġenera ammont sostanzjali f'self konċessjonali;

- Faċilità ta' Tmexxija ta' 300 miljun euro sabiex tipprovdi appoġġ addizzjonali, fuq l-allokazzjonijiet normali għall-pajjiżi, sabiex tagħraf u tappoġġja x-xogħol ta' pajjiżi sħab li jkunu għamlu l-aktar progress fl-implimentazzjoni tal-Pjanijiet ta' Azzjoni tagħhom.

L-ENPI għandha wkoll komponent speċifiku ta' kooperazzjoni fuq il-fruntieri, kofinanzjat mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali. Id-dispożizzjonijiet il-ġodda tfasslu sabiex jindirizzaw nuqqasijiet tal-passat u biex jagħmlu din it-tip ta' kooperazzjoni eħfef u aktar effettiva.

L-ipprogrammar għall-pajjiżi Asjatiċi, Latino-Amerikani u pajjiżi tal-viċinat kien kważi tlesta u tnieda djalogu informali bejn l-istituzzjonijiet dwar l-abbozzi ta' strateġiji ENPI u DCI, wara ftehim politiku dwar l-istrumenti, sabiex il-pass ta' l-għoti ta' assistenza fl-2007 jitnaqqas mill-inqas possibbli. Bid-dħul formali fis-seħħ ta' l-istrumenti kollha, id-djalogu għal dawn l-istrateġiji ser ikompli fl-2007, bi skrutinju demokratiku mill-Parlament Ewropew. F'Jannar kien approvat sett ta' Komunikati dettaljati, li jiddefinixxu l-approċċ u kontenuti ta' kull programm tematiku. Dan kien segwit minn proċess dettaljat ta' programmar għal kull programm tematiku, proċess li ser jitlesta kmieni fl-2007 sabiex jippermetti l-implimentazzjoni sussegwenti f'qasir żmien.

Il-kooperazzjoni mal-pajjiżi ta' l-Afrika, il-Karibew u l-Paċifiku (AKP) għadha primarjament iffinanzjata taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (EDF), billi l-Kunsill Ewropew iddeċieda f'Diċembru 2005 li l-EDF għandu jkompli jiġi iffinanzjat separatament mill-baġit. Bi 22.7 biljun finanzjament, l-għaxar EDF (2008-2013) jistabbilixxi l-bażi għall-kooperazzjoni mal-pajjiżi ta' l-AKP.

Tħejjew linji gwida ta' programmar għall-għaxar EDF fuq il-bażi tal-Kunsens, inkluża d-definizzjoni ta' oqsma ta' azzjoni Komunitarja u l-prinċipju ta' konċentrazzjoni fil-livell tal-pajjiżi. Kmieni din is-sena tnieda l-ipprogrammar għall-pajjiżi ta' l-AKP. Id-djalogu dwar l-ipprogrammar qed iseħħ u għandu jilħaq il-qofol tiegħu fil-Karti ta' Strateġija għall-Pajjiżi u r-Reġjuni lesti għall-iffirmar ***qabel it-tmiem ta'*** l-2007, bl-implimentazzjoni li tibda f'Jannar ta' l-2008.

5. QAFAS AĦJAR GĦAL ĦIDMA FLIMKIEN: EFFETTIVITÀ TA' L-GĦAJNUNA

L-effettività ta' l-għajnuna tinsab fiċ-ċentru ta' l-aġenda politika ta' l-UE u tissemma fl-inizjattivi kollha tagħha għall-2006. Kemm l-Istqarrija Konġunta dwar il-Politika għall-Iżvilupp u l-*Istrateġija Ġdida għall-Afrika* jenfasizzaw l-importanza li titwassal mhux biss aktar għajnuna, iżda aktar għajnuna Ewropea effettiva. *Il-ftehim ta' l-għaxar EDF* fih ukoll stqarrija ċara li tappoġġja l-effettività ta' l-għajnuna.

Sabiex l-impenji jsiru azzjonijiet, ġie approvat Pjan ta' Azzjoni ("*L-Għajnuna ta' l-UE: inwasslu aktar, aħjar u b'aktar ħeffa*") f'April 2006, b'lista komprensiva ta' disa' għanijiet għat-twettiq li għandhom ikunu implimentati sa l-2010. Dawn jinkludu *it-tifsil regolari ta' l-għajnuna ta' l-UE* fil-livelli globali, reġjonali u lokali *(l-Atlas ta' Donaturi*[5]*)*, kif ukoll proposta għal *Qafas Konġunt għall-Ipprogrammar ta' l-UE (JPF).* Illum, l-Atlas ta' Donaturi sar għodda utli għas-sorveljanza ta' l-għajnuna u t-titjib tal-koordinazzjoni u l-qsim tax-xogħol fl-għajnuna ta' l-UE, filwaqt li l-JPF qed jiddaħħal f'għadd ta' pajjiżi fl-ipprogrammar ta' l-għaxar EDF li għaddej.

Il-frammentazzjoni eċċessiva ta' assistenza għall-iżvilupp mill-komunità internazzjonali wasslet għat-tixrid, id-duplikazzjoni u anke l-kontradizzjoni f'attivitajiet ta' għajnuna, u b'hekk għat-tnaqqis ta' l-impatt potenzjali minħabba l-akkumulazzjoni ta' spejjeż amministrattivi bla ħtieġa, u ż-żieda tal-piż fuq il-pajjiżi sħab. L-Atlas ta' Donaturi ta' l-UE juri dawn in-nuqqasijiet u d-duplikazzjonijiet. Kumplimentarjetà akbar ta' attivitajiet hi fattur ewlieni sabiex tiżdied l-effettività ta' l-għajnuna. Fl-2006 ġew adottati linji gwida dwar l-effettività ta' l-għajnuna u ngħataw korsijiet ta' taħriġ kemm fil-Kwartieri Ġenerali kif ukoll madwar id-dinja.

Il-mossa lejn forniment ta' għajnuna f'forma ta' appoġġ baġitarju dirett, sabiex tkun immexxija kompletament mis-sistemi tal-pajjiż sieħeb, hija kontribut sinifikanti lejn it-tisħiħ ta' "proprjetà" ta' pajjiż sieħeb u lejn kunfidenza fil-pajjiżi donaturi li jistgħu jużaw is-sistemi ta' tmexxija tal-pajjiż sieħeb stess ("allinjament"). Il-Kunsens Ewropew jidentifika l-appoġġ baġitarju bħala "l-modalità preferuta meta l-kundizzjonijiet ikunu jippermettu". Il-Kummissjoni żiedet l-użu tagħha ta' sistemi ta' pajjiżi permezz ta' appoġġ baġitarju ftit 'il fuq minn 40% ta' l-għajnuna programmata bejn l-2003 u l-2005.

Il-Kummissjoni hi involuta mill-qrib fl-appoġġ ta' stati "fraġli". Per eżempju, fil-Palestina, ħadmet mill-qrib mal-Bank Dinji sabiex tfassal u ddaħħal Mekkaniżmu Internazzjonali Temporanju (TIM) sabiex iżżomm għaddej il-forniment ta' servizzi pubbliċi essenzjali u tipproteġi Palestinjani ordinarji mill-effetti tal-kriżi bil-kontribut ta' 14-il Stat Membru u n-Norveġja. Fl-2006 t-TIM ħallas aktar minn 88 miljun f'benefiċċji soċjali lil impjegati tas-settur pubbliku u pensjonanti bi dħul baxx, u kważi 24 miljun tħallsu direttament lil Palestinjani foqra u vulnerabbli effettwati direttament mill-kriżi.

---

[5] http://ec.europa.eu/development/body/publications/descript/pub7_29_en.cfm

B'mod ġenerali l-Kummissjoni tappoġġja l-użu ta' Fondi Fiduċjarji, spiss immexxija min-Nazzjonijiet Uniti jew il-Bank Dinji, bħala mod kif titwassal l-għajnuna f'sitwazzjonijiet bħal dawn. Tgħin sabiex ikun żgurat li l-għajnuna (partikolarment għar-rikostruzzjoni) tkun koordinata u titwassal kif xieraq mill-aktar fis possibbli. Fl-2006 l-ammonti totali ta' għajnuna mwassla mill-Kummissjoni permezz tan-Nazzjonijiet Uniti u l-Bank Dinji baqgħu madwar 1.5 biljun. Tul is-sena, ġew iffirmati ftehimiet maż-żewġ organizzazzjonijiet dwar il-viżibilità li għandha tingħata lill-kontribut tal-Kummissjoni għal dawn l-attivitajiet, mhux l-inqas fid-dawl tal-ħsieb ta' ħafna li l-kontribut Ewropew lejn it-taffija tat-tbatija u l-appoġġ tal-paċi fid-dinja għandhom ikunu aktar evidenti għaċ-ċittadini Ewropej.

Sebgħin fil-mija ta' l-ifqar nies tad-dinja jgħixu f'pajjiżi bi dħul medju. Il-Kummissjoni tagħraf li t-tkabbir ekonomiku hu pre-kondizzjoni essenzjali għall-iżvilupp soċjali u għal strateġiji ta' tnaqqis ta' faqar f'dawn il-pajjiżi. Madanakolli, it-tkabbir waħdu mhux biżżejjed. F'ħafna pajjiżi bi dħul medju li qed jikbru b'rata mgħaġġla, il-bidla teknoloġika, il-globalizzazzjoni, id-demografija u d-domanda għal xogħol tas-sengħa ikkontribwew fit-twessigħ tal-qabża fid-distribuzzjoni tad-dħul, għaliex it-tkabbir ma kienx akkumpanjat b'aġenda fiskali effettiva u li tappoġġja lill-fqir. Ir-riskju li pajjiż bi dħul medju ma jirnexxilux jisfrutta l-opportunitajiet li jkollu u li jerġa' lura għall-faqar qatt m'għandu jkun sottovalutat. F'dan ir-rigward hi meħtieġa aktar għajnuna għall-iżvilupp li hija mmirata tajjeb u bbażata fuq politika/prestazzjoni f'ħafna pajjiżi fraġli jew f'pajjiżi bi dħul medju potenzjalment instabbli, sabiex jistabilizzaw l-ekonomiji tagħhom, tkun appoġġjata r-riforma u jiġu promossi l-iżvilupp, l-integrazzjoni kummerċjali u l-koeżjoni soċjali.

Fl-2006, il-Kummissjoni Ewropea kellha rwol dejjem ikbar f'inizjattivi globali fis-saħħa u l-edukazzjoni, b'ħidma flimkien ma' Stati Membri ta' l-UE u donaturi u partijiet interessati oħra. Sa minn Mejju 2006, il-Kummissjoni għandha l-viċi-presidenza tal-Fond Globali għall-Ġlieda Kontra l-HIV/AIDS, it-Tuberkolożi u l-Malarja (GFATM). Minn Lulju 2006 l-Kummissjoni għandha wkoll il-kopresidenza ta' "Edukazzjoni għal Kulħadd – Inizjattiva b'Ħeffa" (FTI). Iż-żewġ inizjattivi ffukaw fuq approċċi mmexxija mid-domanda, l-armonizzazzjoni tad-donaturi u l-effettività ta' l-għajnuna.

6. RIŻULTATI

Sa minn meta tnediet ir-riforma fit-tmexxija ta' programmi ta' assistenza esterna fis-sena 2000, żdiedet l-enfasi fuq it-titjib tal-ħeffa u l-kwalità fit-twassil ta' l-għajnuna. Il-livelli ta' implimentazzjoni miksuba fl-2006 juru li, għal darb'oħra, il-ħeffa tat-twassil qed titjieb.

B'kollox ġew kommessi 9.832 biljun mill-Kummissjoni fl-2006, u tħallsu 8.130. Mill-ammont ta' impenji li jistgħu jkunu allokati ġeografikament, jiġifieri 7 982 biljun, kważi nofs (3.553 biljun) kienu għal pajjiżi ta' l-AKP, li rċevew 2.848 biljun tat-total komparabbli ta' 6.8 biljun ħlas.

Sabiex tkun evalwata l-kwalità tat-twassil, il-Kummissjoni introduċiet proċeduri sabiex tiżgura li impenji ġodda għal proġetti u programmi tħejjew bl-akbar reqqa possibbli u jirriflettu l-aħjar prattika fis-settur konċernat. Fl-2002 iddaħħlet sistema għas-sorveljanza tar-riżultati ta' proġetti. Is-sorveljanza hi bbażata fuq evalwazzjonijiet regolari fuq il-post ta' proġetti li jkunu għaddejjin minn esperti indipendenti, u dawn jingħataw marki sempliċi fuq kriterji miftiehma internazzjonalment. Fl-aħħar ħames snin, il-klassifiki globali juru titjib sod u statistikament sinifikattiv. Il-proġetti u l-programmi sorveljati fl-2006 kellhom prestazzjoni globalment tajba. Il-kisba globali fl-effiċjenza fl-aħħar snin rat tnaqqis ħafif fl-2006, imma baqgħet fit-triq it-tajba. B'mod globali, ir-riżultati għall-2006 kienu sodisfaċenti

It-teħid ta' tagħlimiet minn azzjonijiet li ġew finanzjati hu parti ewlenija mill-mod kif l-għajnuna ssir aktar effettiva. L-Unità ta' Evalwazzjoni tad-Direttorati-Ġenerali ewlenin li jindirizzaw l-għajnuna għall-iżvilupp twettaq evalwazzjonijiet ta' strateġiji ta' pajjiżi, kwistjonijiet tematiċi u aspetti strateġiċi oħra tal-programmi tal-KE, bl-użu ta' esperti indipendenti.

B'mod ġenerali l-indikaturi varji juru li sar ħafna progress fit-tmexxija ta' l-assistenza esterna mis-sena 2000. Dan, mhux l-inqas, huwa r-riżultat ta' tibdiliet istituzzjonali ewlenin, bħat-trasferiment tar-responsabbiltà għall-implimentazzjoni ta' programmi lid-Delegazzjonijiet tal-Kummissjoni, u r-ristrutturar tas-servizzi fil-Kwartieri Ġenerali.

Xi stejjer importanti u viżibbli ta' suċċess jagħtu kuraġġ. Iżda għad baqa' ħafna xi jsir, speċjalment fejn il-Kummissjoni jingħad li hi kajmana jew mhix flessibbli, għaliex il-forma ta' l-assistenza esterna fil-futur tkun dejjem aktar ibbażata fuq il-flessibilità u l-modi intensifikati ta' ħidma ma' donaturi oħra[6]. Bl-istrumenti u r-Regolamenti Finanzjarji l-ġodda, il-Kummissjoni issa hi mgħammra aħjar sabiex tiffaċċja dawn l-isfidi.

Fl-2006, l-azzjoni esterna tal-Kummissjoni kienet intiża sabiex tikseb l-għanijiet li ġejjin:

***Tassisti pajjiżi li ssieħbu, oħrajn kandidati u pajjiżi potenzjalment kandidati sabiex jersqu aktar lejn l-UE permezz ta' l-implimentazzjoni tal-politika dwar it-tkabbir u l-proċess ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni għall-Balkani tal-Punent.* Kisbiet: tiżgura l-adeżjoni b'suċċess tal-Bulgarija u r-Rumanija fl-UE; tiffirma l-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni ma' l-Albanija u n-negozjati ta' tali ftehimiet mas-Serbja, l-Montenegro, il-Bożnja u Ħerzegovina; l-adozzjoni ta' l-Istrument għal Assistenza ta' qabel l-Adeżjoni; l-adozzjoni ta' Komunikat dwar il-Balkani tal-Punent kif ukoll tal-karta ta' strateġija annwali dwar it-tkabbir.**   **- *Tiżgura l-implimentazzjoni effettiva tal-Politika Ewropea għall-Viċinat.* Kisbiet: tliet Pjanijiet ta' Azzjoni ġodda ma' l-Armenja, l-Azerbaijan u l-Georgia; il-finalizzazzjoni tal-Pjanijiet ta' Azzjoni ma' l-Eġittu u l-Libanu; - l-adozzjoni ta' l-Istrument Ewropew għall-Viċinat u s-Sħubija; il-preżentazzjoni informali tal-Karti ta' Strateġija għall-Kumitat ta' l-ENPI u l-Parlament; tħejjija għat-tnedija tad-dokumenti tal-programm dwar il-Kooperazzjoni fuq il-Fruntieri, ENPI; adozzjoni ta' Komunikat dwar it-Tisħiħ tal-Politika Ewropea għall-Viċinat.**   **- *Tiżgura l-involviment kostruttiv fil-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani, permezz ta' l-istruttura Quartet u b'kooperazzjoni mill-qrib mal-partijiet.* Kisbiet: il-ħolqien tal-Mekkaniżmu Temporanju Internazzjonali (TIM): l-appoġġ tal-KE għall-poplu Palestinjan laħaq it-339 miljun.**   **- *Appoġġ kontinwat għall-istabilità reġjonali kif ukoll għar-rikostruzzjoni u t-tranżizzjoni politika fl-Iraq.* Kisbiet: tħejjija tal-Kumpatt Internazzjonali għall-Iraq; imnedija negozjati għal Ftehim ta' Kummerċ u Ko-operazzjoni; approvat u implimentat il-Programm ta' Assistenza 2006.**   **- *It-tkomplija tar-rikostruzzjoni u r-rijabilitazzjoni b'rispons għad-diżastru tat-tsunami.* Kisbiet: it-tħaffif konsiderevoli fil-pass ta' l-implimentazzjoni; 80 miljun fl-attivitajiet ta' rijabilitazzjoni u rikostruzzjoni kommessi, l-aktar għall-Indoneżja, is-Sri Lanka u l-Maldiives.**

[6] Rapport Annwali 2007 dwar il-Politika ta' l-Iżvilupp tal-Komunità Ewropea u l-Implimentazzjoni ta' l-Għajnuna Esterna fl-2006, Taqsima 6.2: Evalwazzjoni: Reviżjoni tal-Programm ta' Ħidma 2006

- Implimentazzjoni ta' politika ġdida ta' żvilupp sabiex jiġi promoss l-iżvilupp sostenibbli u t-tnaqqis tal-faqar, fuq il-bażi tal-qafas propost fl-2005 u r-reviżjoni ta' l-Għanijiet Millenarji għall-Iżvilupp, inkluż rispons speċifiku għall-Afrika. **Kisbiet: kontenut ta' politika tal-Kunsens integrat fl-Istrument ta' Żvilupp u Ko-operazzjoni (DCI), linji gwida ta' programmazzjoni u strateġiji reġjonali (per eżempju l-istrateġija ta' l-UE għall-Afrika).**

- Affermazzjoni mill-ġdid ta' impenn sod lejn id-drittijiet tal-bniedem. **Kisbiet: strument imġedded għall-promozzjoni tad-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem adottat fl-aħħar tas-sena.**

Flimkien ma' l-għanijiet imsemmija hawn fuq, il-Kummissjoni għamlet progress fl-oqsma li ġejjin, li għalihom ħabbret inizjattivi ewlenin fl-2006:

- Il-kisba ta' progress sostanzjali fin-negozjati ta' Ftehim ta' Partenarjat Ekonomiku ma' sitt reġjuni ta' l-AKP sabiex jippermettu d-dħul fis-seħħ fl-2008. **Kisbiet: in-negozjati kollha mxew 'il quddiem, l-analiżi u l-azzjonijiet ta' bini ta' kapaċità pprovduti, ir-rabta bejn il-proċess ta' negozjar u l-ipprogrammar tal-kooperazzjoni fl-iżvilupp żgurata.**

- Kontribuzzjoni għall-inizjattivi ewlenin ta' segwitu dwar l-iżvilupp, notevolment fil-finanzi, il-koerenza, l-Afrika u l-beni pubbliċi internazzjonali, b'riżultat tas-Samit tal-G8 ta' din is-sena u l-laqgħa Plenarja ta' Livell Għoli dwar l-Għanijiet Millenarji għall-Iżvilupp. **Kisbiet: pjan ta' azzjoni dwar l-effettività ta' l-għajnuna ("*Għajnuna mill-UE: inwasslu aktar, aħjar u b'aktar ħeffa*") approvat b'lista ta' disa' għanijiet għat-twettiq li għandhom ikunu implimentati sa l-2010.**

Tisħiħ tal-kapaċità ta' rispons tal-Kummissjoni għal diżastri umanitarji, tisħiħ ta' l-istrateġija tagħha għall-prevenzjoni u t-tħejjija għal diżastri, u l-indirizzar tal-kontribuzzjoni ta' l-UE għall-Fond Globali ta' Saħħa għall-AIDS/HIV, il-Malarja u t-Tuberkolożi. **Kisbiet: konsultazzjoni ta' sħab u Stati Membri ta' l-UE mnedija sabiex tikkontribwixxi f'komunikat dwar *'Lejn Kunsens Ewropew dwar l-Għajnuna Umanitarja'* li għandu jinħareġ fl-2007; Kontribut annwali ta' 90 miljun għall-Fond Globali.**

Table 1: Fokus fuq il-faqar 2000-2006

?ru? nett



2000-2003 Il-KE tirrapporta lejn DAC (bl-istess metodu: LDCs/LICs allokazzjonijiet spe?ifi?i g?all-pajjiżi -inkluż l-EIB- /?ru? totali)
Informazzjoni tar-Rapport Annwali 2004, 2005
Figuri Proviżorji ta' l-eżer?izzju ta' Rapport Annwali (Skond il-Lista ta' benefi?jarji DAC disponibbli f'Di?embru 2005)

LDC : Pajjiżi l-Inqas Żviluppati

OLIC : Pajjiżi O?ra bi D?ul Baxx

OLIC : Pajjiżi bi D?ul Medju Inqas

UMIC : Pajjiżi bi D?ul Medju Og?la

RE?JUN / MHUX ALLOK : Programmi Re?jonali u Mhux Allokati

Tabella 2: EuropeAid - Evoluzzjoni tat-taqsim Re?jonali 2001-2006 Impenji € Miljun)



	Il-Balkani	NIS	L-Amerika Latina	L-Asja	Il-Mediterra	L-Afrika t'Isfel	AKP (1)	Tematika	Total
2001	705	426	301	407	709	121	1,971	928	5,568
2002	658	432	333	575	762	124	2,169	949	6,002
2003	620	504	342	558	782	127	3,811	943	7,687
2004	663	504	312	611	1,003	135	2,685	1,001	6,916
2005	519	515	329	834	1,075	155	3,546	1,055	8,027
2006	524	528	356	853	1,178	125	3,477	1,097	8,137

Impenji 2006 imwettqa mill-EuropeAid + it-Tkabbir (il-Balkani).
Spejjeż amminstrattivi esklussivi mmexxija mill-EuropeAid
Taqsim re?jonali wara l-linji ta' ba?it ?eografi?i u temati?i
(1) Ir-Re?jun AKP jinkludi l-EDF + il-linja tal-ba?it banana u zokkor 2001-2006

Tabella 3: EuropeAid - Evoluzzjoni tat-taqsim Re?jonali 2001-2006 ?lasijiet € Miljun)



	Il-Balkani	NIS	L-Amerika Latina	L-Asja	Il-Mediterra	L-Afrika t'Isfel	AKP (1)	Tematika	Total
2001	845	402	152	383	488	99	1,814	771	4,109
2002	619	384	182	455	707	119	1,968	815	4,630
2003	425	396	290	470	700	118	2,366	851	5,191
2004	510	359	314	526	1,125	116	2,472	790	5,701
2005	345	432	376	681	1,122	138	2,468	932	6,149
2006	547	445	343	737	1,235	107	2,848	774	7,037

Impenji 2006 imwettqa mill-EuropeAid + it-Tkabbir (il-Balkani).
Spejjeż amminstrattivi esklussivi mmexxija mill-EuropeAid
Taqsim re?jonali wara l-linji ta' ba?it ?eografi?i u temati?i
(1) Ir-Re?jun AKP jinkludi l-EDF + il-linja tal-ba?it Banana u Zokkor 2001-2006

Tabella 4: Taqsim Settorali



Impenji 2006 (€ Miljun)

Riżorsi ODA/OA mmexxija mill-EuropeAid u CARDS.

Spejjeż amminstrattivi esklussivi mmexxija mill-EuropeAid

Tabella 5: Kunsens Ewropew: Oqsma marbuta mal-kooperazzjoni fl-iżvilupp ta' l-UE



Impenji 2006 (€ Miljun)

Riżorsi ODA/OA mmexxija mill-EuropeAid u CARDS.

Spejjeż amminstrattivi esklussivi mmexxija mill-EuropeAid